**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**10 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru 39/2020**

**Budget Services Limited (C12855)**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Ibrahim Abd El Halim ghan-nom u in rapprezentanza ta' Budget Services Limited** pprezentat fl-10 ta' Gunju 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*" Illi permezz ta' applikazzjoni intavolata mal-Awtorita intimata numru GLA 12B/2019/0195, l-appellant talab "Enchroachment Permit for the Placing of tables, chairs and umbrellas on site at, Wesghet Guzi Tanti, San Giljan".*

*Illi permezz ta' decizjoni komunikata lill-appellant datata nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-Awtorita appellata cahdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

*The encroachment Permit is being refused for the following reasons:*
1. *Site forms part of car park, limiting parking spaces*
2. *Unloading bay next to parking*
3. *Not in front of catering establishment*
4. *Blocking of Exit*

*Illi l-appellant jhossu aggravat b'din id-decizjoni u qieghed umilment jinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi certament li l-Awtorita' appellata agixxiet ultra vires il-poteri taghha stante li r-ragunijiet attribwiti ghad-decizjoni taghha huma materji li ghandhom jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar u minn Awtoritajiet ohra;*

2. *Illi ghalhekk l-Awtorita' appellata m' ghandiex il-vires li tiddeciedi materji imressqa quddiemha a bazi ta' kriterji li jmorru oltre il-kompetenza taghha;*

3. *Illi f' kull kaz, l-istess decizjoni tal-Awtorita appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess decizjoni tmur kontra il-Ligi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju, jew Kwazi Gudizjarju, ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess decizjoni hija difettuza fil-procedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha, oltre il-fatt illi ttiehdet fil-maghluq [1] u mhux f' seduta pubblika [2].*

4. *Illi l-istess decizjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista twassal lill-appellant sabiex jifhem kif u a bazi ta' liema policies u proncipji l-istess decizjoni ittiehdet.*

5. *Illi oltre dan, id-decizjoni ta' l-istess Awtorita hija daqstant iehor nulla u bla effett stante li hija diskriminatorja fil-konfront ta' l-appellant u dan in vista ta' permessi simili gia' approvati,*

6. *Illi f' kull kaz, dak mitlub mill-appellant ma ser jikkreja l-ebda perikolu, u l-kwistjoni ta' parkeggi ta' vettura hija materja regolata tramite il-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces, b'dan illi din it-talba hija konformi ma l-istess.*

*Illi in vista tas-suespost, l-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha gia mressqa quddiem l-appellata Awtorita', u b'riserva ghall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal ihoss opportun, ir-rikorrenti bir-rispett jitlob illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' apppellata hekk kif ikkomunikata fis-sbatax (17) ta' Marzu 2020, u dan l-appell jigi milqugh."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fil-25 ta' Gunju 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

> *"Illi s-soċjetà rikorrenti talbet lill-Awtorita' esponenti, permezz tal-applikazzjoni bin-numru GLA128/2019/0195, sabiex tpoġġi mwejjed, siġġijiet u umbrellel f' Wesgħat Ġuzi Tanti, San Ġiljan; "Encroachment Permit for the placing of tables, chairs and umbrellas on site at, Wesgħet Ġużi Tanti, San Ġiljan."*

---

[1] Dan bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[2] Vide Italian Image Co. Limited vs. Tourist Services Limited 280/2006 Appell Inferjuri 20 ta' Frar 2008; Ara ukoll Smith vs. Ministeru tal-Finanzi Appell Inferjuri 23 ta' April 2010

*Illi l-Awtorità esponenti, ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha lir-rikorrent permess ta' ittra datata is-17 ta' Marzu 2020, fejn hija ċaħdet it-talba tas-soċjetà rikkorrenti.*

*Illi l-Awtorita', fl-ittra bid-deċiżjoni tagħha inidikat erbgħa raġunijiet motivati, għad-deċiżjoni tagħha kif ġej;*

1. *Site Forms part of car park, limiting parking space*
2. *Unloading bay next to parking*
3. *Not in front of catering establishment*
4. *Blocking of exit*

*Illi l-Awtorità esponenti, skont l-artiklu 7(2) c tal-Kap. 563 hija responsabbli sabiex "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika". Għalhekk l-Awtorità kienet fil-jedd u d-dmir legali tagħha illi tgħamel u tieħu l-konsiderazzjonijiet kollha sabiex tamministra bl-aħjar mod dan is-sit partikolari, li fl-aħħar mill-aħħar huwa art tal-Gvern ta' Malta.*

*Illi f' dan l-ambitu, ir-raġunijiet mgħotija juru b' mod ċar il-motivazzjoni wara id-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti, u liema deċiżjoni ittieħdet speċifikament fil-parametri tal-artiklu 31(g) (H) tal-Kap.573. Dan is-sub artiklu jgħati l-jedd speċifikament lill-Awtorità kompetenti, u lill-ħadd iktar, sabiex tħalli persuna jokkuppa art tal-Gvern.*

*Illi għalhekk, fid-dawl tal-ewwel aggravju, m'huwiex minnhu li l-Awtorità esponenti aġġixxiet ultra vires, stante li kemm id-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-raġunijiet ta' wara dik id-deċiżjoni jaqgħu fl-ambitu tal-irwol tal-Awtorita', hekk kif mgħoti lilha mill-Kapitli 563 u 573.*

*Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, anke jekk, ir-raġunijiet attribwiti jistgħu jiġu ukoll ikkunsidrati minn Awtoritajiet oħra, xorta waħda dan qatt ma jista' jeskludi l-irwol tal-Awtorità esponenti; u iġifieri illi taċċerta l-aħjar amministrazzjoni tal-art in kwistjoni. Fid-dawl ta' dan, il-kriterji li abbażi tagħhom ittieħdet din id-deċiżjoni ma jmorux oltre l-kompetenza tal-Awtorità esponenti.*

*Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, u iġifieri illi d-deċiżjoni tal-Awtorità hija nulla u bla effett stante li din tmur kontra il-liġi u saħansitra kontra l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, qed jiġi espost li dan it-tali aggravju huwa infondat u mingħajr bażi. Id-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti hija waħda ta' natura amministrattiva, u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u dan ossia li l-Awtorità inniffissa hija ta' natura amministrattiva. Huwa għalhekk wara kollox illi l-leġislatur ikkostitwixxa dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jassigura id-dritt xieraq li wieħed ikun jista' jikkontesta deċiżjonijiet amministrattivi. Dan l-Onorabbli tribunal lanqas m'huwa vestit b' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.*

*Illi sussegwentement, in linea mad-definizzjoni tal-'Awtorità' skont Artiklu 2 tal-Kap.563 l-Awtorità tinkludi persuni illi jaġixxu f'isimha, kif fillfatt hija s-sitwazzjoni fil-każ odjern. Id-deċiżjoni in kwistjoni ġiet iffirmata minn rappreżentant tal-istess Awtorità, hekk kif huwa awtorizzat illi jgħamel għan-nom tal-Awtorità esponenti. Għalhekk, id-deċiżjoni mibgħuta lir-rikorrenti kienet tissodisfa ir-rekwiżiti neċċessarji mill-liġi.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti fir-rikors tagħha tgħamel referenza għall-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Dawk id-deċiżjonijiet iżda kienu jikkonċernaw sitwazzjonijiet, awtoritajiet, bordijiet u saħansitra l-Qorti tal-Maġistrati; strutturi*

*illi huma ta' natura differenti, u saħansitra regolati b' Kapitoli tal-liġi differenti mill-Awtorità esponenti. Illi għalhekk dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux iservu ta' paragun mal-każ odjern.*
*Illi fir-rigward tar-raba' aggravju, l-Awtorità tat ir-raġuni wara id-deċiżjoni tagħha, u dan skont il- fatti illi l-istess esponenti kellha quddiemha. Dan sar anke fid-dawl tal-prinċipju amministrattiv tad- 'duty to give reasons'. Barra mis-suespost, ir-raġunijiet mgħotija huma motivati biżżejjed sabiex anke jwasslu lill-appellant jifhem il-prinċipji u l-motivazzjoni wara l-istess deċiżjoni.*
*Illi fir-rigward tal-ħames aggravju, r-rikorrenti issostni illi d-deċiżjoni tal-Awtorità hija diskriminatorja. Jiġi rilevat kif m'huwiex il-kompitu ta' dan l-Onorabbli - tribunal illi jiddetermina u jiddeċidi fir-rigward ta kwistjonijiet marbuta ma' diskriminazzjoni, u dan kif ġie ritenut f' diversi deċiżjonijiet ta' dan it-tribunal stess, fosthom f'deċiżjoni tal-24 t' April 2015, fl-ismijiet Mark Cassar et vs L-Awtorità tat-Trasport f' Malta (Transport Malta) 76/2014CG.*
*Illi fir-rigward tas-sitt aggravju, l-awtorità esponenti tissottometti illi id-deċiżjoni kienet waħda li ittieħdet skont il-prinċipji tar-raġonevolezza. Deċiżjoni illi fl-aħħar mill-aħħar hija konċernanti t-talba speċifika tal-applikazzjoni tas-soċjeta rikorrenti, u iġifieri it-talba għal-encroachment skontil-parametri tal- artiklu 31 (g) (H) tal-Kap. 573.*
*Illi għalhekk, fir-rigward tal-aggravji fit-totalita' tagħhom, irid jingħad illi d-deċiżjoni tal-Awtorità ma tistax titqies illeġittima u irraġonevoli sempliċiment għaliex ir-raġuni wara id-deċiżjoni tal-esponenti ma tgħoġobx lis-soċjetà rikorrenti. Id-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti ittieħdet wara li ġiet ikkunsidrata is-sitwazzjoni odjerna f' Wesgħet Ġużi Tanti, San Ġiljan.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet mressqa quddiemu mir-rikorrenti, u dan bl-ispejjez interament għall istess soċjetà rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilha permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2020 fejn giet infurmata illi l-applikazzjoni taghha ghal "*encroachment permit for placing of tables, chairs and umbrellas on site at Wesghet Guzi Tanti, San Giljan"* kienet qieghda tigi rifjutata ghar-ragunijiet segwenti:-

1. ***Site forms part of a car park, limiting parking spaces***
2. ***Unloading bay next to parking***
3. ***Not in front of catering establishment***
4. ***Blocking of exit***

Illi dan it-Tribunal se jibda biex jitratta r-raba' aggravju tar-rikorrent stante li fil-fehma tieghu huwa wiehed preliminari, u cioe`, illi d-decizjoni appellat hija nieqsa minn kull motivazzjoni li twassal lir-rikorrent jifhem kif u a bazi ta' liema *policies* u principji l-istess decizjoni ttiehdet. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-aggravju stante li d-decizjoni appellata tidher li hi ben motivata b'mhux inqas minn erba' ragunijiet li ma tantx trid spjegazzjoni biex tifhimhom. Illi dment li r-ragunijiet ikunu cari, jiftehmu u konsistenti, dan it-Tribunal ma jarax illi decizjoni tkun mankanti minn motivazzjoni. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi r-rikorrent ressaq ukoll zewg aggravji ohra fejn sahaq illi bid-decizjoni taghha l-Awtorita` intimata agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha stante li r-ragunijet msemmija fid-decizjoni huma materji li jigu decizi fil-process tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Illi ghal darb'ohra dan it-Tribunal ma jaqsamx l-istess fehma. Illi ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorita` intimata ghandha d-dmir li *"**<u>tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta</u>** u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta'importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal huwa fil-kompetenza taghha li l-Awtorita` intimata tara li d-decizjonijiet taghha ikunu in linja mal-istess doveri imposta fuqha bil-ligi. Huwa dover taghha li tara li l-art pubblika isir l-ahjar uzu minnha.

Illi fil-kaz in ezami gie argumentat illi kull m'hu se jittiehdu huma zewg (2) *parking bays* u li ftit metri 'l boghod mill-istess *car park* hemm stabbilimenti ohrajn li gew koncessi li jpoggi mwejjed u siggijiet fuq *parking bays.* Illi l-kwistjoni ta' diskriminazzjoni se tigi trattata fi stadju ulterjuri. F'dan l-istadju it-Tribunal se jitratta biss jekk id-decizjoni appellata kinitx wahda *ultra vires*.

Illi f'dan il-kaz partikolari l-Awtorita` intimata hasset illi l-ahjar uzu li jista' jsir mill-art mitluba b'*encroachment* huwa li jipparkjaw il-vetturi u mhux li jitpoggew imwejjed u siggijiet. Illi ma hemm xejn irragjonevoli jew *ultra vires* f'tali decizjoni, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra l-*area* in kwistjon hija wahda li tattira ammont

konsiderevoli ta' vetturi u li l-ispazju ta' *parking* huwa wiehed limitat. It-Tribunal jista' jifhem illi Awtoritajiet ohra jista' jkollhom kompetenza parallella u/jew kumplimentari. B'dana kollu dan ma jfissirx illi l-Awtorita` intimata trid tabdika minn xi dmir taghha ghaliex hemm Awtorita` ohra li tista' ghandha kompetenza parallela. It-Tribunal huwa tal-fehma illi stante li l-art hija wahda pubblika, l-Awtortia` intimata ghandha tezercita bis-shih id-doveri taghha ghall-harsien tal-ahjar uzu tal-art pubblika u ghaldaqstant f'dan il-kaz kienet qieghed tagixxi *entro* l-parametri li trid il-ligi. Kwindi dan l-aggravju qieghed jigi wkoll michud.

Illi permezz tat-tielet aggravju, r-rikorrent sahaq li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-Ligi u kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji mressqa quddiemu. Illi dan it-Tribunal jissottolineja illi l-Awtorita` intimata la hi Bord gudizzjarju u lanqas kwazi gudizzjarju, izda hija l-Awtorita` regolatrici fejn jidhul kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' proprjeta` pubblika. Kwindi, id-decizjonijiet taghha dejjem iridu jkunu ragjonevoli u fil-limiti tal-poteri moghtija lilha, pero` mhix marbuta li d-decizjonijiet taghha jittiehdu f'seduti pubblici. Illi lanqas ma hu misthoqq l-aggravju tar-rikorrent illi d-decizjoni hija difettuza stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha. Illi r-rikorrenti giet infurmata b'decizjoni li kif spjega Kenneth Dingli giet mehuda minn Kumitat imwaqqaf apposta, liema decizjoni sussegwentement giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti. Id-decizjoni kif kontenuta fl-ittra tas-17 ta' Marzu 2020 iggib il-firma ta' Kenneth Dingli ghan-nom tal-Awtorita` intimata. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan huwa sufficjenti biex l-Awtorita` intimata tassumi r-responsabbilita` ta' tali decizjoni. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jarax li dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Illi permezz tal-hames aggravju, ir-rikorrenti jishaq illi d-decizjoni appellata hija wahda diskriminatorja fil-konfront tieghu u ghaldaqstant hija nulla u bla effett. Dan l-aggravju jemergi mill-fatt illi kif gia inghad iktar 'il fuq vicin tal-istabbiliment in kwistjoni hemm negozji ohra li ghandhom permess ghat-tpoggija ta' mwejjed u siggijiet fuq art pubblika, precizament fuq *parking bays*. Dan l-aggravju huwa marbut ukoll mal-fatt illi stabbilimenti ohra nghataw koncessjonijiet mill-Awtorita` intimata ghalkemm l-art moghtija b'*encroachment* mhux qieghda ezattament quddiem l-istabbiliment kummercjali. Illi dwar dan fil-fatt ingabu provi li esebithom l-istess Awtorita` intimata fuq talba tar-rikorrent.

Illi minn dawn il-provi verament jirrizulta dak allegat mir-rikorrent. Pero`, minkejja li jezistu tali sitwazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan ma jinvalidax id-decizjoni appellata u dan kif se jigi spjegat. Illi jibda biex jinghad illi jekk l-Awtorita` intimata mhux qieghda tkun konsistenti fl-applikazzjoni tal-*policies*

taghha qieghda tohloq konfuzjoni u frustrazzjoni fost il-persuni li japplikaw sabiex jinghataw *encroachment*. Huwa ovvju li l-persuni li t-talba taghhom tigi michuda ihossuhom aggravati mill-fatt li kaz identiku jew kwazi identiku ghal taghhom inghata permess. Dan ma jfissirx illi f'dawk il-kazijiet l-Awtorita` intimata agixxiet korrettement u aderixxiet ruhha mal-obbligi taghha a tenur tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-Awtorita` intimata harget tali *encroachment permits* dan it-Tribunal iqis li fil-kaz prezenti imxiet korrettement u jekk imxiet mod iehor f'kazijiet identici allura hemm azzjonijiet ohra x'tista' taghmel is-socjeta` rikorrenti. Illi kif intqal korrettement fil-kawza ***Ignatius Attard vs Il-Kummissjoni ghall-Kontrol tal-Izvilupp*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 2004:

*"Inoltre l-fatt illi setghu hargu xi permessi li kienu in vjolazzjoni tar-regoli dwar l-ippjanar ma jfissirx illi tali regoli ikunu spiccaw u b'hekk jistghu jinhargu permessi ohra li jmorru kontra dawk ir-regoli. Kif spjegat l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **"Alfred Cauchi vs Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (decizjoni tal-15 ta' Dicembru 1997 – Appell Numru 74/97) il-fatt illi terzi persuni kienu nghataw permess sabiex jibnu in eccess tal-height limitation ma kienx jintitola applikant iehor li jinghata permess biex jibni oltre tali height limitation stante li l-Qrati qatt ma jistghu jissanzjnaw illegalita`."*

Kwindi t-Tribunal qieghed jichad dan l-aggravju pero` jawspika illi d-decizjonijiet tal-Awtorita` intimata fejn jidhlu kazijiet simili jew addirittura identici ikunu konsistenti.

Illi permezz tas-sitt aggravju ir-rikorrenti tishaq illi dak propost minnha m'hu se jikkreja l-ebda perikolu. Illi t-Tribunal huwa ta' fehma ohra. Huwa veru li essenzjalment il-hrug minn gol-*parking* mhux se jigi ostakolat pero` l-perikolu li se jigi kkrejat huwa iktar milli ovvju b'karozzi jduru mal-*area* proposta ghall-imwejjed u siggijiet biex johrogu mill-istess *parking* u dan stante li c-cirkolazzjoni ta' vetturi hija minn passagg u mhux triq. Jigi rilevat ukoll illi l-hrug mill-istess *parking area* jinsab f'liwja fejn m'hemmx vizibilita` fit-tul u fejn it-traffiku gieli jghaddi b'velocita`. Dan biex wiehed ma jsemmix illi l-istess *area* rikjesta qieghda hdejn *loading/unloading bay* u kwindi se tkun qieghed jigi generat certu moviment ta' trakkijiet kbar u medji li jhottu l-merkanzija. Dan kollu ifisser illi l-element ta' perikolu u restrizzjoni fl-immanuvrar gewwa din il-wesgha u fil-hrug minnha, huwa wiehed sinjifikanti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib xejn irragjonevoli jew irregolari fid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**